

# *Il-Kappella ta' Ġesù Nazzarenu fl-Imqabba*

Mario Thomas Vassallo
B. Com., B.A. (Hons) Public Policy, M.A. (European Studies), MIM

Sa mill-bidu tal-evoluzzjoni tiegħu, il-bniedem inħakem mis-sens ta' misteru ta' x'hemm wara l-mewt. X'inhu d-destin tal-bniedem? Fejn tmur ir-ruħ ta' dawk li ħallew din l-art? Għaliex il-mewt? Għaliex il-ħajja? Kif inhi l-Ġenna? Kif inhu l-Infern? Kif ħadd ma ġie lura jgħidilna x'hemm? Kif tkun il-glorja dejjiema? Veru li hemm 'il-biki u t-theżżiż tas-snien'? Dawn il-mistoqsijiet kbar minn dejjem bernu f'imħuħ iċ-ċiviltajiet tal-qedem u għadhom jaffaxxinaw lill-ġenerazzjonijiet tagħna fl-era tal-informatika. Il-bniedem dejjem wera rispett lejn il-mejtin tiegħu u r-ritwali funerarji ppruvaw jagħtu tifsira lill-vjaġġ tar-ruħ lejn ħajja ġdida. F'Malta wkoll ir-rit tad-dfin kien wieħed elaborat. Dan jixhduh il-bosta tempji u oqbra li għandna, l-aktar il-famuż Ipoġew li huwa kkunsidrat bħala t-tron ewlieni ta' taħt l-art.



Il-kappella taċ-ċimiterju ddedikata lil Ġesù Nazzarenu.

## Id-dfin fl-Imqabba

Il-miġja tal-fidi f'Ġesù Kristu ġabet magħha sens ġdid lejn it-tama tal-bnieden f'ħajja aħjar u isbaħ wara li tintemm dik ta' fuq din l-art. Il-katakombi estensivi li nbnew f'Malta huma xhieda ta' kemm il-Maltin kienu jgħożżu lill-mejtin tagħhom, waqt li ħallew il-maktur tal-fidi jixxottalhom id-dmugħ tal-firda. Ir-raħal ċkejken tal-Imqabba wkoll għandu patrimonju mill-aqwa tat-tradizzjoni funerarja ta' pajjiżna. Biżżejjed insemmu l-oqbra Puniċi 'Tal-Għerien' u 'Ta' Safira', il-katakombi tal-'Mintna', u l-imkejjen tad-dfin f'Ħal Millieri, San Bażilju u 'Tal-Ors', flimkien maċ-Ċimiterju tan-Nazzarenu. L-eżistenza ta' tant postijiet tad-dfin fl-istess lokalità tindika li fl-Imqabba minn dejjem kienet teżisti komunità li ħadnet il-fidi. Ta' nies li emmnu li l-ħajja ma tintemmx mal-mewt, imma li mill-mewt twarrad ħajja ġdida li ma tmut qatt.



Ġina Tanti

## Intervista mal-kuratriċi

F'din il-kitba se nkun qiegħed niffoka fuq il-kappella ta' Ġesù Nazzarenu li tinsab tindokra liċ-ċimiterju tal-Imqabba li jinsab f'tarf ir-raħal, f'nofs it-triq li tagħti lejn Ħal Krikop. Minbarra tagħrif storiku dwar il-bini tal-kappella u taċ-ċimiterju li jdawwarha, se nkun qiegħed inwassal ukoll it-tifkiriet u l-esperjenzi tas-Sinjura Virginia Tant, née Farrugia, li ilha tieħu ħsieb il-Kappella tan-Nazzarenu għal dawn l-aħħar 44 sena. Virginia, jew kif jafuha l-Imqabbin, Ġina, taf il-bidu tas-sehem tagħha fin-Nazzarenu lil missierha li ħabb lil din il-kappella daqslikieku kienet daru stess. Fi żmienna din il-kappella tilqa' lis-Santissimu Sagrament tliet darbiet fis-sena, jiġifieri meta jkun organizzat il-quddies fiċ-ċimiterju fl-okkażjoni tal-Għid tal-Imwiet kull l-ewwel Ħadd ta' Novembru, u fil-festi ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.

## Post mistkerraħ

L-istorja taċ-ċimiterju ta' Nazzarenu fl-Imqabba tmur lura għal mijiet ta' snin meta kien għadu daqsxejn ta' midfen imdawwar



L-abiti sagri ta' lewn iswed li kienu jintlibsu waqt il-funzjonijiet fin-Nazzarenu qabel il-Konċilju Vatikan II.

b'ħajt tas-sejjieħ qalb l-għelieqi fi truf ir-raħal. Fih kienu jiġu midfuna l-vittmi tal-pesta li minħabba l-biżà tal-mard li jittieħed, ma kienux jitniżżlu taħt il-kappella tal-kinnierja, imma kienu jittieħdu fl-imwarrab biex 'il bogħod mill-maqdes u l-misraħ isibu l-paċi ta' dejjem taħt sitt piedi trab. F'dawk iż-żminijiet bikrija ma kinetx għadha nbniet l-kappella ta' Ġesù Nazzarenu u ċ-ċimiterju, li minn dejjem kien proprjetà tal-Knisja, kien magħruf bħala 'tal-infetti'. Dan il-laqam mhux uniku għall-Imqabba, għax naħat oħra f'Malta wkoll huma magħrufin b'dan l-isem b'riferenza għad-dfin fi żmien l-imxija. Dak kien zmien meta dawn is-siti qodma ta' dfin kienu mitluqa u miskerrha. Ir-raħlin kienu bilkemm jersqu lejn l-inħawi bħal dawn, jekk mhux għal xi bżonn.

## Il-bini tal-kappella

Mal-mogħdija taż-żmien, iċ-ċimiterju ma baqax aktar lok mistkerraħ minħabba l-biżà tal-mard, tant li beda jsir id-dfin ta' nies li kienu jmutu b'mewta naturali. Dan kien proċess li tnieda bl-insistenza tal-awtoritajiet sanitarji f'pajjiżna li waslet biex jinqata' darba għal dejjem id-dfin tal-mejtin taħt il-qiegħa tal-knejjes parrokkjali. Kien f'din il-ħabta li ċ-ċimiterji fit-trufijiet tal-irħula bdew jieħdu r-ruħ, filwaqt li twaħħlulhom ir-rixtelli tal-ħadid, issebbħu bil-bini ta' xi kappella u l-oqbra bdew ikunu mżejna bl-irħam u l-monumenti reliġjużi. Fl-1910 nbniet il-kappella ddedikata lil Ġesù Nazzarenu fiċ-ċimiterju tal-Imqabba. Il-bini kien sar minn idejn l-imgħallem bennej Imqabbi Pawlu Xuereb, u ibnu Baskal, fiż-żmien meta Dun Franġisk Saver Bonanno kien kappillan tar-raħal. Bonanno, li kien Żebbuġi, ħa interess personali f'dan il-proġett li għadu jitgawda sal-lum. Irid jingħad ukoll li l-kappella kienet imbierka




Santa antika, magħrufa bħala tal-Buona Morte, li tinsab fis-sagristija.

mill-Isqof ta' Malta, Mons. Pietru Pace, sena wara li tlestiet. Il-kappella tan-Nazzarenu stagħniet bl-għoti ta' mitt jum indulġenza għal kull min jieqaf jgħid il-kredu quddiemha. L-indulġenza kienet mogħtija mill-istess Isqof nhar it-13 ta' Marzu tal-1919 kif tixhed l-irħama, miktuba bl-alfabett Malti tal-epoka, imwaħħla mal-koxxa ta' barra tal-bieb maġġuri tal-kappella.

## Kampnar u 'erwieħ'

Il-faċċata tal-kappella tan-Nazzarenu, li tinkorpora wkoll iz-zuntier, l-entraturi u r-rixtelli taċ-ċimiterju fuq kull naħa, hija tabilħaqq imponenti. Taraġ nofs tond jaqta' lill-maqdes minn mat-triq, waqt li minn fuq il-fontispizju jitla' kampnar ċentrali u waħdieni. Żewġ twieqi ovali, waħda fuq kull ġenb, iservu biex idawlu l-kappella. Tliet statwi tal-erwieħ jitkarrbu l-ħniena divina minn bejn il-fjammi tal-purgatorju jinsabu fuq il-pilastri ewlenin tal-entraturi għaċ-ċimiterju. Dawn l-istatwi, hekk imsejħa 'tar-ruħ', huma numerużi ferm f'pajjiżna, u ħafna drabi ssibhom fil-viċinanzi ta' xi midfen. Karatteristika mill-aktar interessanti fuq iz-zuntier tal-kappella tan-Nazzarenu hija l-bank tal-ġebel li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin. Dan it-tip ta' bank, imsejjaħ dukkiena, kien jintuża l-aktar fil-knejjes medjevali bħal ma għadna naraw bħalu fil-kappelli ta' Ħal Millieri u San Bażilju, u fis-Salvatur l-antik ta' Ħal Lija.

## Tkabbir u skedar

Mal-mogħdija tas-snin bdiet aktar tinħass il-ħtieġa li ċ-ċimiterju fl-Imqabba kellu jitkabbar biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' komunità li dejjem tikber. Kien fi żmien il-Kappillan Dun Gerald Mangion li saret l-estenzjoni taċ-Ċimiterju tan-Nazzarenu. Il-perit inkarigat mill-proġett kien is-Sur A. Micallef minn Ħal Luqa. Fost oħrajn, dan il-proġett kien jinkludi l-bini tal-ħitan esterni, oqbra u kmamar,

ossarju, sagristija għall-kappella, kamra mortwarja u diversi xogħlijiet assoċjati mas-sengħa tal-ħaddied. Ix-xogħol kien komplut għall-aħħar tal-1948 u ġie jiswa 4472 Sterlina li minnhom il-Gvern ta' Malta ħallas 1004 Sterlina lill-Kappillan fl-1949. Aktar tard, dan il-lok reġa' tkabbar għad-dimensjonijiet li nafuhom illum. Ftit anqas minn ħamsin sena wara dan il-proġett ħabrieki, eżattament fl-1997, iċ-ċimiterju flimkien mal-kappella tan-Nazzarenu ġie stabbilit bħala bini skedat mill-Awrtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar biex b'hekk dan il-patrimonju jibqa' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.

## Ħtija ta' brimba

Ġina Tanti rrakkontatli l-istorja ta' kif hi, flimkien ma' missierha Mikiel Farrugia, bdiet tieħu ħsieb il-kappella taċ-ċimiterju. Kollox beda fis-sena 1965 meta kien għad hemm id-drawwa li titqaddes quddies fin-Nazzarenu kull l-ewwel Tnejn ta' kull xahar. Dun Joe Bugeja, li kien għadu kemm ħa l-ewwel quddiesa, kien ħiereġ mis-sagristija biex jitla' jqaddes fuq l-artal meta b'rasu jolqot xibka ta' għanqbuta li brimba fetlilha tinseġ tul il-blata u l-koxxa tal-bieb laterali li jagħti għas-sagristija. Ħidmet il-brimba tgħaqqdet max-xuxa ta' Dun Joe u, mingħajr ma ntebaħ, qaddes bl-għanqbut imqanfed f'xagħru. Fil-kappella inzerta kien hemm Ġina li f'dik il-ħabta kien għadha xebba ta' fuq l-għoxrin sena. Lura d-dar meta ntemmet il-quddiesa, il-bint iddiskutiet ma' missierha Mikiel kemm kienet ħaġa mhix xierqa n-nuqqas ta' ndafa fin-Nazzarenu u qatgħuha li jibdew jagħtu daqqa t'id fiż-żamma u d-dekorazzjoni. Minn dakinhar, il-Farruġijiet baqgħu jikkuraw dan il-lok qaddis. Meta Mikiel ħalla din id-dinja, bintu Ġina ħadet ir-riedni f'idejha, u għadha sal-lum attiva ferm fit-tindif, l-armar u t-tnedija ta' opri ġodda fil-kappella tan-Nazzarenu.



Mikiel Farrugia (l-ewwel mix-xellug) waqt l-operazzjoni biex titpoġġa l-qanpiena fil-kampnar tal-kappella nhar it-13 ta' Marzu 1966.

## Bambin fil-puxċer

"Missieri ħadem ħafna b'riżq il-kappella taċ-ċimiterju. Kienet l-hena tiegħu, speċjalment meta tiżżanżan xi opra ġdida. Kien hu li ġabar il-flus mingħand bosta familjari u benefatturi oħrajn sabiex ikun jista' jinxtara t-tapit li jżejjen l-artal u li għadna ngawduh sal-lum. Fis-sagristija għad hemm il-kartuna bl-ismijiet tad-donaturi (ilkoll emigranti Mqabbin fl-Awstralja) li missieri kien kiteb bil-lapes. Kien hu li mexxa ċ-ċorma rġiel li ngemgħu biex itellgħu l-qanpiena



L-istatwa ta' Ġesù Nazzarenu fuq l-artal indukrata biż-żewġ bukketti tal-ganutell, xogħol Ġina Tanti.

fil-kampnar f'Marzu tal-1966. Min jaf kemm ġebbed fil-ħabel biex ilsien il-qanpiena jħabbar li daqt ħierġa l-quddiesa. Niftakru wkoll idur mat-toroq tar-raħal b'Bambin tal-Milied fil-puxċer biex itellgħu lotterija u mill-flus tal-biljetti jkun jista' jħallas l-ispejjeż tad-drapp għad-damask li jintrama mal-arkati tat-twieqi tal-ġnub. Sa żmien missieri kien għadha ssir il-festa ta' Ġesù Nazzarenu li kienet tkun iċċelebrata kull l-ewwel Ħadd ta' Lulju. Kienet festa mfittxija mill-Imqabbin, u minbarra l-quddies, kien ikun kantat l-għasar u anke prietka fuq iz-zuntier kienet issir. Fil-jiem tal-festa, missieri dejjem iċ-ċimiterju kien ikun. Issa jarma l-gandlieri, imbagħad jillostra l-ventartal, jixgħel ix-xemgħat, iħejji l-plattin għall-ġbir, ikebbes il-fjakkoli li kienu jżejnu z-zuntier, ifarfar, jaħsel... insomma jagħmel dak kollu li jkun hemm bżonn. Jien kont inkun ma' djulu u l-eżempju tiegħu kaxkarni għal għomri", qaltli Ġina b'għajnejn jibru fuq par wardiet ħomor.

## Ħtija ta' palma

"Imma l-ferħ tas-sejħa ta' missieri għaż-żamma tan-Nazzarenu ma kellhiex tul wisq. Bilkemm kienu għaddew sentejn minn mindu l-kappillan afdalu l-imfietaħ, meta missieri ħalla dan il-wied tad-dmugħ f'qasir il-għomor. Iż-żewġ palmiet ta' ħdejn ir-rixtellu taċ-ċimiterju kienu l-kaġun li missieri mar id-dinja l-oħra. Waqt iż-żbir, kien tniggeż minn waħda mill-palmiet li fl-1967 kienu diġà qegħdin jindukraw ir-rixtellu tan-naħa tal-lemin tal-kappella. Demmu gie infettat u f'erbat ijiem telaq id-dinja l-oħra. Dik hi kollha. Hekk intemm missieri. Miet b'laħmu u xaħmu. Imma l-Mulej hekk ried u llum jinsab midfun faċċata tan-Nazzarenu li tant ħabb matul ħajtu", issoktat tirrakontali Ġina b'ħajta swied il-qalb tindieħes fuq wiċċha ruxxan. Din hi l-istorja tal-impenn ta' Mikiel Farrugia fil-kappella tan-




L-irħama li tixhed l-għoti tal-indulġenza mal-faċċata tan-Nazzarenu, miktuba b'Malti tal-epoka.

Nazzarenu; impenn li beda b'tiċrità t'għanqbuta u ntemm b'tingiża ta' palma.

## Pavaljuni u lampieri

Fil-kappella tan-Nazzarenu għadna nistgħu naraw diversi oġġetti sagri li ilhom magħna għexieren ta' snin. Nibdew l-ewwel bl-istatwa ta' Ġesù Nazzarenu li tinsab fuq l-artal. Ġesù jidher liebes libsa ħamra wara li kien għadu kemm ġie fflaġellat mal-kolonna tas-swat. F'rasu tinsab mgħaddsa l-kuruna tax-xewk waqt li jdejh huma marbutin b'ħabel dehbieni. Il-pavaljun tad-damask li jintrama' fil-festi fuq l-artal ewlieni tal-kappella, sar b'wegħda mill-Imqabbija Margerità Sciberras.



Il-kurcifiss li taħtu kien jitpoġġa l-mejjet fit-tebut qabel ma ssir id-difna. Illum fil-kamra tal-kurċifiss jitwaħħlu s-santi tal-mejtin biex it-tifkira tagħhom ma tintemmx.

Fuq kull ġenb tal-kappella, imsaqqfa b'saqaf troll, hemm żewġ kwadri tassew artistiċi. Wieħed jirrappreżenta lil San Ġuda Taddew, wieħed mill-appostli u magħdud bħala qarib ta' Ġesù, filwaqt li l-ieħor jirrappreżenta lil San Geraldu Maella. Mad-dawra tal-kappella hemm l-inkwatru tal-Via Sagra, bl-iskrizzjonijiet bit-Taljan, filwaqt li tliet lampieri tal-fidda jattirawlek l-attenzjoni, speċjalment jekk iżżur il-kappella f'xi ġurnata meta tkun se titqaddes quddiesa qalb l-oqbra taċ-ċimiterju. Il-lampier ewlieni tan-nofs kien oriġinarjament fit-taraġ tal-kinnierja taċ-ċimiterju, sakemm Mikiel Farrugia tellgħu minn hemm taħt, naddfu u dendlu fil-post li aktar jixraqlu – quddiem is-sagrament.

## 'Għamilha b'idejh'

Il-ventartal artistiku li llum jintrama fl-Għid tal-Imwiet u fil-festi tal-ommijiet u l-missirijiet kien sar minn benefattur, waqt li Catherine Zammit kienet responsabbli mix-xogħol tar-rakkmu. Il-gandlieri li jindokraw l-artal saru fis-sittinijiet bi flus seba' donaturi li kienu Francis Saliba, Eugenio Sciberras, Emanuel Sciberras, Innocenzio Farrugia, Carmelo Vella, Nikola Ghigo u Michael Azzopardi. Minn ġol-armarju, Virginia ħarġet daqsxejn ta' qanpiena ċkejkna li kienet tindaqq waqt il-konsagrazzjoni tal-quddiesa. "Din il-qanpiena kien għamilha missieri", qaltli waqt li xenglitha darbtejn biex instemgħet ċenċila ħelwa. "Għamilha b'idejh stess bil-materjal metalliku li kien isib. Dak iż-żmien ma konna narmu xejn u bl-imbarazz konna nagħmlu minn kollox. Illum ħadd ma jerfa' xejn. Illum mod ieħor."

## Il-mewt it-tajba

Il-kappella għad għandha l-karti tal-glorja miktubin bil-Latin u li kienu jintużaw qabel il-Konċilju Vatikan II. L-istess bħal pjaneta ta' lewn sewdieni li għadha maħżuna fl-armarju tal-kappella u li kienet tintlibes mis-saċerdot għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies u waqt li jkun qiegħed jakkumpanja l-funerali. Il-kappella għandha wkoll konfessjonarju li llum sar jintuża bħala armarju fil-ħajt. Il-qiegħa tal-art hija miksija b'madum żgħir u antik ta' Malta – kollu disinji u kuluri – li jissokta jsebbaħ dan it-tempju li jfakkar lin-nisrani li hu mhux xejn għajr pajżan tas-sema pajjiżu. Fis-sagristija hemm numru ta' kwadri antiki, fosthom is-santa famuża tal-Buona Morte. Din turi xbieha ta' Alla l-Missier li huwa Dak li se jagħmel ħaqq mill-erwieħ – dawk li jkunu għamlu opri tajba f'ħajjithom ikunu eskortati mill-anġli lejn il-ġenna, waqt li l-ħżiena jisfaw imdawra bix-xjaten li bil-furkettuni jgħaddsuhom 'l isfel lejn in-nirien tal-infern. Dan kien il-mod ta' kif il-poplu, sajjem minn formazzjoni xierqa, kien ikun mgħallem fuq id-destin ta' ruħu, hekk kif din tinfired minn ma' ġismu.

## Taħt ħarset il-kurċifiss

Mis-sagristija wieħed jista' jitla' jserrep minn garigor tal-ġebel għall-kmamar ta' fuq u għal fuq il-bejt tal-kappella. It-twapet ta' qobra mberfla bil-fjuri u bl-ilsna jlebilbu tax-xemgħat li jinfirxu taħtek, taħkmek, hekk kif tixref fuq il-bejt tas-sagristija. Jekk imbagħad tħares warajk, tilmaħ mill-qrib il-kampnar tal-kappella mgħammar b'qanpiena li kien ħallas għaliha Ġanni Cassar wara li l-wegħda li kien għamel kienet ġiet milqugħa.

Il-qanpiena kienet ġiet armata fil-kampnar, taħt il-gwida ta' Mikiel Farrugia nhar it-23 ta' Marzu tal-

1966. Mill-fewġa friska ta' fuq il-bejt, nerġgħu ninżlu l-garigor u mmorru fil-kmajra ta' ħdejn is-sagristija u li kienet oriġinarjament isservi ta' lok mortwarju. Hawn kien jinżamm il-mejjet fit-tebut qabel tasallu s-siegħa li jintradd lura lejn l-art; 'Trab kont u trab terġa' ssir'. Il-kurċifiss li taħt ħarstu kienu jpoġġu l-katavri għadu hemm sal-lum.

Fi żmienna din il-kmarja tintuża biex fiha jinħażnu s-siġġijiet li jintużaw waqt il-quddies li tkun iċċelebrata fiċ-ċimiterju. Mal-ħitan twaħħlu għadd kbir ta' santi tal-mejtin li ġew magħluqa f'inkwatri biex it-tifkira ta' dawk li ħallewna tibqa' f'qalbna u f'talbna.



Waħda mill-'erwieħ' li jinsabu fuq il-pilastru tar-rixtellu taċ-ċimiterju. Fl-isfont tidher ukoll il-palma li kkaġunat il-mewt ta' Mikiel Farrugia.

## Bukketti tal-ganutell

Illum Ġina Tanti għadha tagħti sehemha b'mod volontarju biex il-kappella tan-Nazzarenu tibqa' tkun indokrata, imnaddfa u mogħnija bl-oġġetti sagri u artistiċi. Hekk jixraq lil dan it-tempju li minn tal-anqas tliet darbiet fis-sena għadu jilqa' fit-tabernaklu tiegħu lir-Re tar-rejiet. F'Novembru tal-2008, Ġina rregalat żewġ bukketti mill-isbaħ tal-ganutell u llum jinsabu jżejnu l-istatwa ta' Ġesù Nazzarenu fuq l-artal. "Tgħallimt is-sengħa tal-ganutell permezz ta' kors ta' taħriġ organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Hekk kif għaqqadt l-ewwel fjura, mill-ewwel nibtet f'moħħi l-ħsieb li nagħmel din l-opra biex tibqa' titgawda fil-kappella li tant kienet għażiża għal missieri." Għollejt ħarsti 'l fuq u lmaħt żewġ bukketti dehbija ma' riġlejn n-Nazzarenu. Żewġ bukketti mburġati bi fjuri u weraq imsawra minn bizzilla. Żewġ bukketti frott is-sengħa u xogħol il-bniedem li jagħtu għieħ u qima lil Bin il-Bniedem li b'demmu ġabilna l-fidwa.

## Ix-xebbiet għaqlin

Il-kult f'għieħ il-mejtin ilu magħna għal eluf ta' snin. Beda fil-prejistorja u baqa' magħna matul id-diversi epoki tal-istorja. Huwa kult li jmur lil hinn minn dak li hu materjali għax iwassalna wiċċ imb'wiċċ mal-misteru u l-grazzja li hemm jistennewna wara li nagħlqu għajnejna għall-aħħar darba. F'dinja li saret tikkonċentra biss fil-ħtieġa li nissodisfaw xewqitna tal-mument, l-imkejjen tad-dfin għad għandhom messaġġ mill-aktar kruċjali għas-soċjetà ta' żmienna.

Il-bniedem tal-lum għad għandu bżonn is-sinjal u s-simboli li jfakkruh li ċ-ċens ta' ħajtu fuq din l-art għandu d-data tal-fidwa – imma biex jinfeda jrid jagħti kas ta' ruħu daqskemm jagħti kas ta' żaqqu u l-kumplament tad-deħra tiegħu.

Jalla ċ-ċimiterju u t-tempji tagħhom jibqgħu ifakkruna lkoll li għandna nagħmlu minn kollox biex ikunu bħal ħames xebbiet għaqlin li kellhom iż-żejt fil-kus hekk kif l-Għarus ħabbat għal għarrieda fuq il-bieb ta' darhom.


**Riferenzi:**

[1] Farrugia, Charles (1998), L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, Bestprint Ltd.

[2] www.kappellimaltin.com

[3] www.mqabba.gov.mt




Parti mill-oqbra li nsibu ġewwa ċ-ċimiterju.